Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,179, 24 ta' Ottubru, 1995
Taqsima B

A.L. 151 ta' l-1995

ATT TA' L-1993 DWAR SANZJONIJIET TAL-KUNSILL TAS-SIGUREZZA TAN-NAZZJONIJIET UNITI (ATT NRU. XX TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) (Emenda Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta'l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) (Emenda Nru. 5), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 88 ta' 1994.

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "sat-18 ta' Settembru, 1995" għandhom jidħlu l-kliem "sat-18 ta' Marzu, 1996".